MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 239/2010

Kawza fil-lista: 21

**Y B**
**vs**
**V K B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Marzu 1997, u minn dan iz-zwieg m' ghandhomx tfal; li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 2005 huwa kien gie obbligat ihallas manteniment mensili lil konvenuta fl-ammont ta' €198 mhallas direttament mill-paga tieghu; li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 2009 iz-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null; li "sussegwentement l-attur sar jaf li l-intimata ghandha relazzjoni stabbli ma'

persuna ohra, tant li sahansitra anke jqatta' iljieli ghand l-intimata, u l-attur jaf ukoll li dan ir-ragel qed jghin lill-intimata anke finanzjarjament."; li l-attur ihoss li hemm cirkustanzi bizzejjed li jimmeritaw li hu m'ghandux ihallas retta alimentari lill-intimata jew li tal-anqas tali retta alimentarja tigi ridotta; li l-konvenuta ghadha relattivament zghira fl-eta, hija fizikament b' sahhitaha u ghandha l-kapacita' li tahdem; ghalhekk qed jitlob li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tvarja s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Citazzjoni Numru 1931/2000RCP fis-27 ta' Ottubru, 2005 billi tiddikjara u tordna li l-esponent m' ghandux jibqa' jhallas manteniment ghall-intimata V K B jew li tali retta alimentari tigi ridotta ghal somma ohra verjuri previa dikjarazzjoni li minhabba cirkostanzi sopravenuti ghall-imsemmija sentenza l-intimata irrendiet ruhha unikament responsabbli ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti, previa li tiddikjara li l-konvenuta hija hatja tas-separazzjoni personali fuq fatti li sehhew wara li nghatat s-sentenza tas-separazzjoni personali fis-27 ta' Ottubru 2005, fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, twaqqaf l-obbligu tal-hlas ta' manteniment lill-konvenuta ordnat fis-sentenza precitata; kif ukoll u in subsidium sabiex din il-Qorti tirriduci l-imsemmi ammont tenut kont tal-fatt li l-konvenuta hi kapaci tahdem.

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li permezz tas-sentenza li nghatat fis-27 ta' Ottubru 2005 l-attur kien gie ordnat ihallas manteniment mensili lill-konvenuta allura martu. F' din is-sentenza l-Qorti kienet sabet liz-zewg partijiet hatja tas-separazzjoni personali, izda ma applikatx id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16

Sussegwentement, fid-29 ta' Ottubru 2009 iz-zwieg bejn il-partijiet kien gie dikjarat null, ghall-istess ragunijiet attribwibbli liz-zewg partijiet.

Illi fix-xhieda tieghu l-attur jghid li huwa skopra li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' ragel iehor. Fi kliemu "Kemm-il darba rajt ragel diehel f' din id-dar [fejn tabita l-konvenuta]. F' zewg okkazzjonijiet kellimt lil dan ir-ragel. L-ewwel darba qalli li qed johrog ma' V K B. Dan kien wara li ftahna l-kawza. Qalli li qed johorgu bhala hbieb. Imbaghad huwa baqa' diehel id-dar bic-cavetta f' idu baqa' diehel. Fetah hu mhux fethulu. It-tieni darba li kellimtu kien qed jahsel il-karrozza tieghu fil-garaxx adjacenti mal-ex dar matrimonjali. Il-garage jinfed mad-dar. V K kienet mieghu. Quddiemha qalli li jghaddilha 150 fix-xahar. Ma nafx hux ewro jew maltin. ….. jiena wkoll gieli narahom flimkien jippassiggjaw fit-triq tal-Qrendi vicin il-Maqluba…… ir-ragel li qed insemmi jismu Godfrey."

Illi mill-fatti premess, li ma gewx kontrastati mill-konvenuta, jirrizulta li dina ghandha relazzjoni ma ragel iehor li fit-termini ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 tattira d-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt li tibqa' tippercepixxi manteniment minghand l-attur, liema ordni ghall-hlas ta' manteniment kien inghata lilha bhala mart-l-attur, u li ghalhekk kellha l-obbligu, kif kellhom iz-zewg partijiet, tal-fedelta'.

Illi noltre l-Qorti tosserva li l-artikolu 20 tal-Kap.255 jistipula li l-parti li tkun "responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg, ikun obbligat ihallas manteniment lill-parti l-ohra li tkun *in bona fede* ghal perijodu ta' hames snin.."

Illi minn ezami tas-sentenza tan-nullita' moghtija fid-29 ta' Ottubru 2009 jirrizulta li r-responsabbilita' tan-nullita' taz-zwieg kien tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet, inkluz allura fuq il-konvenuta wkoll, u ghalhekk ma tistax titqies bhala parti in bona fede.

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti tikkunsidra t-talba ta' l-attur gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba attrici kif dedotta; u, filwaqt li tvarja s-sentenza moghtija fis-27 ta' Ottubru 2005 fil-kawza numru 1931/2000RCP, tordna li l-attur m' ghandux jibqa' jhallas manteniment aktar lill-konvenuta.

Bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------